# TABELLA SKEMATIKA ĠENERALI

*Hawn qed jingħataw biss il-passi prinċipali. Mhumiex inklużi l-każijiet kollha spjegati f'parti B tar-rapport sħiħ.*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

## A — LIEMA KELMA NUŻA?

### Jekk kelma mill-Ingliż...

**1** nista' nuża minflokha kelma oħra stabbilita fil-Malti li taqdini tajjeb għall-istess tifsira
eż. **biljett** minflok **ticket**

→ **ma nużahiex**

**2** neħtieġha tassew fil-kuntest li jkolli
eż. **taħdit**/**diskors** vs **chatting**

→ **nużaha**

## B — KIF SE NIKTIBHA?

### Jekk se nuża l-kelma mill-Ingliż...

**1 inħalliha miktuba bl-Ingliż**

jekk hija kelma komposta minn żewġ kelmiet jew aktar
eż. **windscreen**, **roundabout**, **shock absorber**, **fire extinguisher**, eċċ.

**2 niktibha bil-Malti skont ir-regoli stabbiliti tal-ortografija Maltija**

jekk hi integrata fil-grammatika Maltija:

**a. fin-nomi**
ħlief dawk bil-plural mill-Ingliż '–s'
eż. **kitla** – **ktieli** *għax plural miksur*,
**sors** – **sorsi** *għax plural sħiħ*,
**brejk** – **brejkijiet** tal-karozza *għax plural sħiħ, <u>mhux</u> minħabba l-verb korrispondenti* **ˈbbrejkja** *u l-aġġettiv/partiċipju* **ˈbbrejkjat**

(Għan-nomi li jieħdu l-plural mill-Ingliż '-s', ara B3.)

**b. fil-verbi**
eż. **fajjar** – **fajjarna** – **tfajjar**,
**ˈċċarġja** – **ˈċċarġjajna** – **tiċċarġja**

**ċ. fl-aġġettivi/partiċipji**
eż. **ˈggaraxxjat**/**a**/**i**, eċċ.

**3 għandi għażla niktibhiex la Maltija jew la Ingliża**

jekk mhix integrata fil-grammatika Maltija jew hija nom li jieħu l-plural mill-Ingliż '–s':

**fin-nomi u l-aġġettivi/partiċipji**

**i.** jekk il-forma miktuba bil-Malti ma titbiegħedx viżwalment mill-forma Ingliża, nista' niktibha la Maltija
eż. **ħelikopter**, **kamera**, **plastik**, **alkoħol**, eċċ.

**ii.** jekk il-forma miktuba bil-Malti titbiegħed viżwalment mill-forma Ingliża, aħjar inħalliha miktuba bl-Ingliż
eż. **foundation**, **shutter**, drapp **plain**, eċċ.

## Ċ — GĦANDI NIMMARKAHA?

### Jekk se nħalli l-kelma bl-Ingliż...

**1** fil-kitba u f'dokumenti/grafika elettronika u ppubblikata

→ **ma nimmarkahiex**

**2** f'kuntest pedagoġiku u/jew f'materjal maħsub għal tfal ta' età bikrija

→ **nista' nimmarkaha** bil-virgoletti, korsiv jew b'xi mod ieħor

kunsilltalmalti@gov.mt www.kunsilltalmalti.gov.mt